

31988D0235

L 105/20

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

26.4.1988

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI****tas-7 ta' Marzu 1998****li tagħti deroga lid-Danimarka u tistabbilixxi l-kondizzjonijiet tas-saħħa ekwivalenti li għandhom jiġu rispettati fil-każ tat-tqattigħ tal-laħam frisk**

(88/235/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 64/433/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-problemi tas-saħħa li jaffettwaw in-negozju tal-laħam frisk ġewwa l-Komunità <sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 86/587/KEE <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari Artikolu 13 tagħha,

Billi, skond Artikolu 13 tad-Direttiva 64/433/KEE b'konformità mal-proċedura taħt Artikolu 16, id-derogi mill-paragrafu 45(ċ) ta' Anness I jistgħu jiġu mogħtija, fuq it-talba tiegħu, lil kull Stat Membru li jipprova garanżiji simili; billi dawn id-derogi għandhom jistabbilixxu l-kondizzjonijiet tas-saħħa li huma għall-inqas ekwivalenti għal dawk tal-Anness imsemmi hawn fuq;

Billi l-awtoritajiet tad-Danimarka, permezz tal-ittra tad-29 ta' Ottubru 1987, ippreżentaw lill-Kummissjoni talba għal deroga mill-paragrafu 45(ċ) ta' Anness I għad-Direttiva 64/433/KEE għall-qtuġ taċ-ċanga friska, tal-vitella u tal-porku; billi din it-talba tipproponi kondizzjonijiet tas-saħħa; billi hemm bżonn li l-kondizzjonijiet stabbiliti bħala alternattivi fid-deroga mitluba fuq it-tqattigħ tal-laħam frisk għandhom ikunu għall-inqas ekwivalenti għal dawk tal-paragrafu 45(ċ) ta' Anness I għad-Direttiva 64/433/KEE;

Billi l-kondizzjonijiet tas-saħħa proposti mid-Danimarka huma ekwivalenti għal dawk stabbiliti fil-paragrafu 45(ċ) ta' Anness I għad-Direttiva 64/433/KEE;

Billi l-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma b'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADDOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Minkejja paragrafu 45(ċ) ta' Anness I għad-Direttiva 64/433/KEE, id-Danimarka tista' tawtorizza l-qtuġ taċ-ċanga friska, tal-vitella u tal-porku taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-7 ta' Marzu 1988.

*Għall-Kummissjoni*

Frans ANDRIESEN

*Viċi-President*

<sup>(1)</sup> ĠU Ċ 121, tad-29.7.1964, p. 2012/64.

<sup>(2)</sup> ĠU L 339, tat-2.12.1986, p. 26.

## ANNEX

**II-Kondizzjonijiet speċjali għat-tqattigħ tal-karkassi tal-animali bovini u tal-majjali**

1. Il-karkassi, li joriġinaw mill-biċċerija, wara li jtkesshu fil-kmamar tat-tkessiħ fejn it-temperatura tal-arja li fl-izbukk tal-evaporaturi tkun hekk illi l-karkassi jstgħu jtkesshu għat-temperatura interna ta' + 7 °C fi 48 siegħa fil-każ ta' karkassi bovini u f'20 siegħa fil-każ tal-karkassi tal-majjali, jiġu trasportati lejn il-fond tat-tqattigħ, illi t-temperatura tiegħu ma tkunx tiskorri it- +12 °C, u li jkun fl-istess grupp ta' bini tal-kmamar tat-tkessiħ.
  2. Il-laħam jiġi trasferit f'operazzjoni waħda.
  3. Il-karkassi jiddaħħlu fil-kamra tat-tqattigħ u jiġu ddissossati qabel mat-temperatura interna tkun laħqet + 7 °C jekk it-tqattigħ isir fi żmien 48 siegħa mill-aħħar operazzjonijiet tal-biċċerija fil-każ tal-karkassi bovini u fi żmien 20 siegħa fil-każ tal-karkassi tal-majjali.
  4. Il-ħin li matulu l-laħam jiddaħħal fil-kamra tat-tqattigħ u mbagħad jerġa' jtkessah ma jiskorrix is-60 minuta.
  5. Hekk kif jiġi mqatta' u ppakkettjat, il-laħam jiġi ttrasportat lejn kmamar tat-tkessiħ adattati.
-